MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Talba Numru. 2431/2003

**Mobisle Communications Ltd**

**Vs**

**Donald Mc Lean**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz prezentat fl-ismijiet premessi fil-5 ta’ Dicembru, 2003 fejn intalab illi l-konvenut Donald Mc Lean jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija u sebgha u erbghin lira u ghaxar centezmi (Lm147.10) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni skond client contact number 222191.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa’ ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Semgha x-xhieda u kkonsidra x-xhieda moghtija mill-PL Peter Sammut fejn ikkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut Donald Mc Lean ihallas lis-socjeta' attrici s-somma kif mitluba ta' mija u sebgha u erbghin lira u ghaxar centezmi (Lm147.10) bl-ispejjez dawk tal-ittra ufficjali datata 26 ta' Settembru, 2003 kontra l-konvenut u bl-imghaxijiet legali dekorribli mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------